# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

**IL-KNISJA SANTWARJU TA' L-ADDOLORATA GEWWA MARSALA, SQALLIJA**



Maghrufa wkoll bhala il-Madonna tas-Sajjetta bhala rizulatat ta' tempesta qawwija u kiefra fix-xitwa tas-sena 1691, fejn il-popolazzjoni mbezza' ta' Marsala marret go Porta di Mare illum Porta Garibaldi biex titlob l-ghajnuna ta' Marija Vergni. Jirrakontaw li sajjetta laqghtet iz-ziemel ta'zaghzugh li waqaf ukoll biex jitlob. U kulhadd qal li kien miraklu li dan il-guvni salva minn mewt certa..

Fl-14 ta' Lulju ta' l-istess sena il-poplu ta' Marsala ghamel gabra u bena fil-lok fejn sehh il-miraklu knisja fejn qabel inzerta li kien hemm kappella zghira antika dedikata lil Kuncizzjoni. Din il-knisja giet dedikata lil Addolorata u ghalkemm zghira hija centru ta' bost pellegrinaggi. Il-knisja li taghti fuq Pjazza Duluri ghandha wahda mill-isbah xbihat ta' Marija Addolorata. Jinghad li dan hu xoghol ta' ufficjal ta' stakkament Spanjol li kien qed jaghti is-servizz tieghu gewwa Marsal bejn is-sena 1786 u 1790. Hadimha fl-injam tac-cipress u libbisha bil-kartapesta biex imbaghad kienet dekorata biz-zebgha mis-Sacerdot Donato.

Hemm tradizzjoni qawwija fost il-poplu ta' din il-belt li ghodwa wahda, l-wicc tal-Vergni instab lest u komplut waqt li kienet qed tinhadem din ix-xbiha.

Taht l-artal fejn hemm l-Addolorata jinsab Kristu mejjet xoghol ta' l-artista Carmelo Bruno fis-sena 1934. Iz-zewg xbihat jingarru fi processjoni nhar il-jum tal-Gimgha l-Kbira kull sena.

Ikklikja fuq l-istampi biex izzur bil-komputer il-knisja Santwarju ta' Marsala li hu tassew sabih u interessanti. Kun preparat li tistenna xi ftit sa ma l-pagna tillowdja fuq l'iscreen. Imbaghad aghfas il-maws u mexxi l-vlegga bil-mod madwar l'iscreen u ddur dawra mas-Santwarju qisek qieghed prezenti fil-lok.





